## ID-DIELJA

Ta' DUN FRANS CAMILLERI

Inħobbok, dielja bnina,
kull darba li narak tħaddar u tilbes
u tqassam ferħana
l-egħnieqed imdendlin tal-għeneb ħelu
li jieħu kulħadd minnek.

Int bħal omm twajba...
għax x'ħin jeħdulek il-frott tiegħek kollu
imbagħad bl-imqass taż-żabra
iqaċċtu minnek id-dirgħajn ħanina
u jitilquk hekk waħdek,
bħalkieku ma jafukx,
int ma żżommx f'qalbek;
u terġa', ftit xhur wara,
tħaddar u tfawwar minn ġol-vini tiegħek
id-demm li jimla l-għeneb biex troddhomlna
isbaħ u itjeb.

Inħobbok, dielja twajba, għax għallimtni
ninsa malajr id-deni li għamluli
dawk li raw minni l-ġid
u xeħtu t-tajn għal wiċċi u qasqsu fuqi
bla ma qatt fhimt għaliex.
Bħalek imxejt x'ħin kont sa naqta' qalbi
fit-triq ta' l-ideal li qbadt minn dejjem,
fil-wegħda ta' tfuliti
li nwettaq bla waqfien egħmil ta' ħniena.

---

Il-bniedem għaqli jaqra ż-żewġ kotba:
Il-ktieb u l-ħajja nfisha.

---

"Is-sens komuni" mhux daqshekk komuni.

---

Hieni hu dak il-bniedem li ma jixtieq xejn.



# META L-MARA TIBQA' TMIERI

## KUMMIEDJA B'ATT WIEĦED

Ta' A. CREMONA

*(Ix-Xena tissokta mill-aħħar Nru. ta' "Il-Malti", (Sett.-Diċ. 1963), paġna 104*

**Sofie:** *(Tiftaħ l-ittra u taqra)*. "Għażiża Sofie. Il-lum ma taranix bħas-soltu, għax għadu kif wasal il-papà minn Katanja. Jien għarraftu b'kollox; għidtlu min int. Milli jidher hu u l-papà tiegħek għandhom xi biċċa affari flimkien, u, fuq hekk qalli li kellu jiġi għandu. X'inhi din l-affari ta' bejniethom ma nafx. 'Ejja miegħi', qalli, 'u jekk nara li huma nies sewwa u li t-tifla tgħodd għalik, u li l-papà u l-mamà tagħha għandhom pjaċir bik, jien m'iniex sejjer immur kontra x-xewqa tiegħek'. Għalhekk, Sofie, rabbi l-kuraġġ, nittama li l-lum jew għada tarani mal-papà d-dar tagħkom. Jalla l-papà u l-mamà tiegħek ma jgħidux le. Aldo". Bilkemm nista' nemmen. Kemm ħabat tajjeb li ġej il-papà tiegħu u huwa miegħu. X'affari hi li għandu mal-papà? U kif il-papà ma semma qatt xejn?... Imma l-papà ma jafx min hu Aldo. Aldo qatt ma semmieli li l-papà tiegħu jaf lill-papà tiegħi. Ma nista' nifhem xejn. Xi tgħidli, Tess. Għalfejn ġej hawnhekk il-papà ta' Aldo?

**Tessie:** Jien naħseb, u ma jfallilix, li l-papà ta' Aldo huwa sid id-dar ta' Ħal Balzan li jrid jixtri l-papà tiegħek.

**Sofie:** Jekk inhu hekk, Tess, stennieni illi l-mamà mhix sejra turi wiċċ ħelu... la lill-papà ta' Aldo u lanqas lil Aldo stess. Il-mamà għandha f'moħħha li ġġagħal lill-papà jixtri dik id-dar li webblilha f'rasha ċertu s-Sur Saver, u li tgħarrasni lil ibnu, imma jiena m'iniex sejra noqgħod għax-xewqat tagħha... u naħseb li l-papà mhux sa joqogħdilha għal dak li trid hi *(f'widnejn Tessie)* jien smajtu b'widnejja stess jitlewwem magħha fuq hekk, għax kif għidtlek kemm-il darba issemmajt kliemhom minn wara l-bieb tal-kamra tas-sodda fil-għaxija.

**Tessie:** Qed nisma' leħen il-papà. Tiela' t-taraġ, naħseb ma' dak is-sinjur u ma' dak iż-żagħżugħ li ftit ilu ġew ikellmuh... *(Tissemma' u toħroġ tħares mill-bieb)*. Magħhom tiela' l-mamà.

**Sofie:** Ma xtaqtx niltaqa' magħhom. Tess, imxi ngħaddu minn dan il-bieb tal-kamra tar-rqad, ninżlu mill-garigor, u niskartawhom. Int oqgħod isfel, fl-intrata, u, malli joħorġu, ejja għidli; issibni fil-ġnien. *(Sofie u Tessie joħorġu mill-bieb tal-ġenb. Wara jidħlu Karolina, Ġan. Feliċ, is-Sur Saver u ibnu Ġoġo)*.